MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 450 (8-78)

It-Tnejn 26 ta' Frar 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija (minflok fit-12 ta' Frar 2024)

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Kurstein Sant (daħal għal-laqgħa fis-7.10pm)
Il-Kunsillier Francine Farrugia (daħlet għal-laqgħa fis-7.00pm)
Il-Kunsillier Adrian Farrugia (ħareġ fis-7.30pm)
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace (ħarġet 7.36pm)

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**450.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**450.1.2** Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

Is-Sindku skuża ruħu għal posponiment tas-Seduta li kellha ssir oriġinarjament fit-12 ta' Frar, li kienet posposta darbtejn minħabba xi sitwazzjonijiet li inqalgħu.

**450.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 449. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsiller Julian Borg issekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**450.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mill-Minuti.

**450.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**450.3.1** Każ Cem Kofoglu

Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar każ il-qorti minn ċertu Cem Kofoglu li ilu sejjer għal dawn l-aħħar snin, fejn l-individwu qed jallega danni permanenti ikkawżati minn inċident li kellu bil-mutur fi Triq ta' Għar Lapsi. Is-Sindku spjega il-każ u qal li dan qed jittieħed b'serjeta kbira kemm minnu flimkien mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza professjonali tal-avukat tal-Kunsill. Hu qal li kien hemm diversi testomjonjanzi u s-sena l-oħra ingħataw affidafits minnu u mis-SE. L-avukat talab li jsir aċċess mill-Qorti fuq il-post tal-inċident li ser isir fil-ġimgħat li ġejjin. Hu qal li f'diversi każijiet li kien hemm dan l-aħħar kontra Kunsilli, il-Qorti qed ikollha tendenza li l-każ jinqata' kontra l-Kunsill involut u dan jista joħloq problema finanzjarja kbira fiż-żmien li ġej. Is-Sindku qal li dan il-każ u oħrajn simili jinvolvu involviment u xogħol kbir u serju mill-amministazzjoni tal-Kunsill.

**450.3.2** Laqgħa mas-SP għax-Xogħolijiet Pubbliċi

Is-Sindku qal li saret laqgħa mas-SP Omar Farrugia fejn żar iż-żewġ proġetti għaddejjin bħalissa mid-Dipartiment, dak taz-zuntier u l-ġnien f'Ramija. Hu qal li ġiet diskussa wkoll kollaborazzjoni dwar diversi xogħolijiet fosthom il-belisha crossings fi Triq Dun Manwel u xogħol ta' tiswija ta' bankini, fejn għandha ssir talba formali mill-Kunsill. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jekk jafu b'xi bankini li għandhom bżonn tiswija jgħadduhom lill-amministrazzjoni.

**450.3.3** Laqgħa tal-lokalita'

Is-Sindku qal li l-laqgħa kienet eżerċizzju fejn attirat numru tajjeb ta' residenti. Hu qal li intbagħtu stediniet speċifiċi fuq diversi suġġetti, fejn ingħata overview tax-xogħol li sar is-sena li għaddiet u x'jifdal isir sa tmiem din il-leġislatura. Il-Minuti tal-laqgħa ġew mibgħuta lill-kunsilliera kollha.

**450.3.4** Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier

Is-Sindku qal li x-xogħol fuq dan il-proġett miexi b'ritmu tajjeb. Hu qal li parti mill-parkeġġ ser tkun tista' tinfetaħ għall-użu tal-pubbliku f'qasir żmien u jkun jista jitkompla x-xogħol fil-parti l-oħra.

Is-Sindku qal li bħala parti mill-proġett ta' toroq ma' Infrastructure Malta fejn il-Kunsill kien talab preċedenza għal Triq Salvu Borg Olivier, hu qal li qiegħed f'komunikat ma' IM ħalli dan ix-xogħol isir malli jkun lest ix-xogħol mill-Indis ħalli l-proġett jingħalaq b'mod ħolistiku.

**450.3.5** Proġett Zuntier

Is-Sindku qal li x-xogħol miexi kif pjanat. Qed ikun hemm laqgħat perjodikament u kollaborazzjoni bejn il-Kuntrattur u l-awtorita' tal-Parroċċa. Hu qal li saret laqgħa ma' uffiċjal mill-Ministeru tat-Trasport u uffiċjali mit-Trasport Pubbliku biex jinstab pjan alternattiv għar-rotta tal-linja. Dan peress li meta jibda x-xogħol ta' tqegħid fil-Pjazza n-naħa ta' Triq San Nikola, il-karozzi l-kbar ma jkunux jistgħu jgħaddu. Saru diskussjonijiet ukoll biex tinstab soluzzjoni iktar permanenti, fejn jidher li l-uniku mod għal rotta alternattiva bl-inqas inkonvenjent lir-residenti tinvolvi esproprijazzjoni ta' biċċa art iżda ilkoll nafu li dan mhux proċess faċli, speċjalment bħalissa li ser ikun hemm bdil fil-kariga tal-President ta' Malta. Is-soluzzjoni l-oħra hija rotta alternattiva bħal meta ssir devjazjoni fil-festa li jinqabżu żewġ bus stops. Għalissa ser issir id-devjazzjoni meta jkun hemm bżonn sakemm tinstab soluzzjoni aħjar.

**450.3.6** Proġett Ramija

Is-Sindku nforma li x-xogħol fuq dan il-proġett miexi kif pjanat u jkun lest għal Mejju 2024.

**450.3.7** Tismija ta' toroq

Is-Sindku qal li kellmu persuna intiża fil-lingwa Maltija fejn ġibed l-attenzjoni f'isem tat-triq li ssemmiet riċentement li għandha tkun Trejqet il-Kavellerizza u mhix Trejqa. Hu qal ukoll li Triq ir-Rebbiegħa kellha tkun Triq in-Nixxiegħa minflok. Kien hemm qbil li din ilha hekk snin twal u ma jsir l-ebda kambjament.

**450.3.8** Ftehim mal-Għaqdiet tal-Football u tal-Basketball

Is-Sindku informa li l-preżentazzjoni ta' €1000 kull wieħed lil dawn l-għaqdiet skond ftehim li hemm iffirmat bejn il-Kunsill u l-għaqdiet, ser issir nhar is-Sibt 2 ta' Marzu 2024 fl-10.00am fil-kumpless sportiv John Debattista fejn il-Kunsill ser jiltaqa' mal-atleti membri u tfal. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera jattendu.

**450.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**450.4.1** Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace irreferiet għax-xogħolijiet li għaddejjin fi Triq l-Imqabba. Hija saqsiet meta dawn ix-xogħolijiet ser jitkomplew peress li issa ilhom weqfin. Qalet ukoll li fi Triq l-Imqabba m'hemmx senjaletika adekwata tat-traffiku, u talbet li jitwaħħlu s-sinjali ta' one way kif diġa approvat għax qed ikun hemm periklu u konfużjoni tat-traffiku.

**450.5** **Taħdidiet mal-Cleansing Dept. re possibilta' ta' ffirmar ta' MOU dwar Servizz ta' Knis**

**450.5.1** Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-Onorevoli Glenn Beddingfield, Segretarju Parlamentari fis-Segretarjat tal-Indafa Pubblika u s-Sur Ramon Deguara rigward numru ta' servizzi. Is-Sindku qal li iktar kmieni dan ix-xahar ġiet preżentata magna tat-tindif mid-Dipartiment lill-Kunsill u anka persuna biex tħaddimha. Din qed tintuża biex jinkinsu toroq fiċ-ċentru tar-raħal kuljum. Hu qal li qed jiġi provdut ukoll servizz ta' sweeper kbir fit-toroq prinċipali fejn l-iktar hemm problema ta' żrar minn trakkijiet, fosthom il-bypass, Triq ta' Kilpa, Bur il-Kbir, Triq lejn Għar Lapsi u Triq l-Imqabba.

**450.5.2** Ftehim dwar servizz ta' knis

Is-Sindku qal li fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-Kunstratt tal-Knis, fejn il-Kunsill qed juża kuntrattur permezz ta' Direct Order għal żmien limitat ta' 3 xhur, u bi proċedura li jrid ikun hemm approvazzjoni mid-Dipartiment, kien hemm diskussjonijiet biex dan is-servizz jibda jsir mid-Dipartiment tal-Cleansing, fejn jiġu provduti seba' ħaddiema b'impjieg full-time allokati fuq is-Siġġiewi biss, inkluż is-servizz ta' knis mekkanizzat fejn hemm bżonn u anka ġbir ta' terrapien fil-kampanja u għajnuna oħra. Dan is-servizz jingħata għas-somma allokata lill-Kunsill mill-Gvern Ċentrali għal knis li bħalissa hija ta' €78,000 fis-sena.

Din għad trid tgħaddi parlament, iżda sadanittant il-Kunsill għandu l-għażla li juri l-interess tiegħu biex jidħol f'dan il-ftehim. Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk hemmx xi abbozz tal-ftehim biex il-Kunsill ikun jista' jara l-kundizzjonijiet anka f'każ li s-servizz ma jkunx sodisfaċendi, u anka jekk il-Kunsill ikun intrabat għal numru ta' snin. Is-Sindku qal li ser jintalab abbozz tal-kundizzjonijiet biex ikun jista' jiġi diskuss 'l quddiem.

**450.6 Taħdidiet mal-Cleansing Dept. rigward rinnovar tal-Lattrina ta' Lapsi (skema Reġjun Punent)**

450.6.1 Is-Sindku qal li saret talba wkoll biex ix-xogħol fuq il-lattrina ta' Għar Lapsi, taħt l-iskema tal-awtomatizzar ta' lattrini fir-Reġjun Punent, isir mid-Dipartiment. Dan ukoll peress li din l-iskema marbuta bi żmien u ma jilħaqx isir proċess ta' procurement. Is-Sindku qal li qed nistennew konferma dwar dan biex eventwalment jibda x-xogħol.

**450.7 Proposta għall-iffirmar ta' MOU mas-Siġġiewi Heritage Foundation (VO/0394)**

450.7.1 Is-Sindku rrefera għall-abboz ta' ftehim ippreżentat. Hu spjega min hi din l-NGO u x-xogħol għamlet s'issa fil-lokalita'. Qal li m'hemm l-ebda affiljazjoni mal-Parroċċa iżda l-iskop huwa il-konservazzjoni tal-patrimonju fis-Siġġiewi. Is-Sindku qal li dan il-ftehim ikun ta' finanzjament ta' €10,000 fis-sena għal ħames snin u jista jiġġedded għal 5 snin oħra għal diversi proġetti. Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk għandiex dettalji tal-proġetti pjanati. Hu qal li għandu jkun hemm klawsola li l-Kunsill ikun jaf bil-proġett propost u jkun hemm qbil li jsir, kif ukoll li l-Kunsill ikun involut fl-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet u jkollu rendikont u rapport tax-xogħol li jsir. Dan biex jiġġustifika l-finanzjament. Is-Sindku qal li ser jitlob iktar informazzjoni u tiġi diskussa fis-Seduta li jmiss.

450.7.2 Is-Sindku qal ukoll li kien hemm talba li jsir kunċert ta' mużika antika fil-Knisja l-Qadima. Huma talbu l-għajnuna tal-Kunsill fit-tindif tal-Knisja. Għal dan il-kunċert, il-fondazzjoni kisbet finanzjament minn skema tal-GAL.

450.7.3 Il-Kunsillier Francine Farrugia daħlet għal-laqgħa fis-7.00pm.

450.7.4 Il-Kunsillier Kustein Sant daħal għal-laqgħa fis-7.10pm.

**450.8 Stedina mis-Sindku ta' Bari għal żjara f'Mejju 2024**

450.8.1 Is-sindku informa li irċevejna korrispondenza mis-Sindku ta' Bari fejn minħabba impenji ma jistax jilqa' l-istedina tal-Kunsill għal Marzu, iżda propona żjara għal Settembru. Is-Sindku informa wkoll li l-Kunsill irċieva stedina għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' San Nikola fis-7 u t-8 ta' Mejju 2024. Huwa talab lill-Kunsilliera jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv jekk jixtiqux jattendu ħalli jsiru l-arranġamenti meħtieġa għaż-żjara f'Bari.

**450.9 Jum is-Siġġiewi 2024 u nominazzjonjiet għall-Onorefiċenza Mertu Siġġiewi**

450.9.1 Is-Sindku qal li bħalissa għaddej ix-xogħol ta' preparazzjoni u organizzazzjoni għal diversi attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum is-Siġġiewi.

Programm propost:
Is-Sibt 2 ta' Marzu 2024
Il-Kunsill jiltaqa' mal-atleti Siġġiwin tal-għaqdiet tal-futbol u basketball. Preżentazjoni tal-għotja finanzjarja skond il-ftehim.

Il-Ħadd 3 ta' Marzu 2024
Quddiesa fil-Knisja Arċipretali u attivitajiet relatati mal-kampanja ta' għarfien dwar l-obeżita', taħdidiet minn speċjalisti u mixja. Dak inhar ikun haw ukoll il-bank tad-demm fil-pjazza.

It-Tnejn 4 ta' Marzu 2024
Speċial assembly fl-Iskola Primarja u laqgħa mat-tfal

Is-Sibt 9 ta' Marzu 2024
Attivita' ambjentali u kulturali -Żjara f'razzett tan-ngħaġ fis-Siġġiewi u promozzjoni tal-prodott lokali u organiku. Tħawwil ta' siġar f'diversi nħawi fis-Siġġiewi, bil-kollaborazjoni tar-Reġjun Punent.

Is-Sibt 16 ta' Marzu 2024
Serata u għoti tal-Unur Onoreficenja Mertu Siġġiewi fis-sala tal-iskola

It-Tnejn 25 ta' Marzu 2024
Inawgurazjoni tal-proġett ta' restawr tan-niċċa u l-istatwa ta' Marija Addolorata fi Triq San Nikola

Il-Ħamis 28 ta' Marzu 2024
Mixgħela tradizzjonali f'Jum Ħamis ix-Xirka

Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera jattendu għal dawn l-attivitajiet.

**450.9.2** Nominazzjonijiet Onorefiċenza Mertu Siġġiewi 2024
Is-Sindku qal li sad-data tal-għeluq kienu waslu 5 nominazzjonijiet. Il-Viċi Sindku qalet li ser tressaq isem u l-Kunsillier Adrian Farrugia qal li wkoll jixtieq jinnomina lil xi ħadd. Is-Sindku ressaq l-ismijiet tan-nominati għal vot:

John Mary Pace – vot 7 favur
Patri Joseph Formosa – vot 7 favur
Rita Psaila – Vot 7 favur
Bernard Vassallo – Vot 6 favur. Il-Kunsillier Adrian Farrugia ddikjara kunflitt u allura astjena mill-vot
Nikol Baldacchino – Vot 7 favur
Jorgen Souness – Vot 7 favur
Nicholas Baldacchino – Vot 7 favur

Il-Kunsill approva is-seba' ismijiet għall-għoti tal-Unur. Huwa talab bijografija qasira u ritratt ta' kull persuna biex jitfassal l-iscript għas-Serata.

**450.10** **Mixgħela tas-Salib tal-Għolja 2024**

**450.10.1** Is-Sindku informa li saru laqgħat mal-perit tax-xogħol tal-Kappella, l-kuntrattur u anka l-Health&Safety officer, fejn kienu preżenti wkoll is-Supretendent u l-Pulizija. Hu qal li peress li din is-sena hemm sit ta' kostruzzjoni, hemm diversi kundizzjonijiet biex l-attivita' tkun tista' ssir u din bil-koordinament mal-pulizija biex ikun hemm sigurta'. Għalhekk, ġew ordnati iktar uffiċjali għat-tul tal-attivita' u sar ftehim ukoll mal-kuntrattur biex jiprovdi persuna ġewwa l-sit ta' kortruzzjoni. Qed isir arranġament u ġie miftiehem biex il-folla ta' nies titmexxa direzzjoni waħda, minn triq titla u minn triq tinżel. Ser jitwaħħlu sinjali addizjonali għal-sigurta' u anka direzzjoni.

**450.10.2** Is-Sindku qal li anka l-mixgħela tal-Pjazza din is-sena hemm arranġamenti apposta peress li z-zuntier jinsab maqlugħ. Saru laqgħat fuq il-post maż-żewġ għaqdiet involuti dik tal-Banda San Nikola u l-armar fejn intalbet koperazzjoni sħiħa minn kulħadd biex l-attivita' tkun tista' ssir u tkun suċċess. Qed issir koordinazzjoni sħiħa mal-pulizija fuq loġistika.

**450.10.3** Is-Sindku qal li l-Każin banda San Nikola għall-ewwel darba qed iħejju pageant mat-toroq tas-Siġġiewi. Intalbet l-għajnuna finazjarja tar-Reġjun Punet li ser ikunu qed jgħinu lill-KBSN €500 għall-kostumi.

**450.10.4** Għall-attivita' tal-mixgħela ir-Reġjun ser ikun qed jiffinanzja €3500 u l-ispiża tal-Pulizija. Dan wara li kien hemm xi fondi tal-Kultura li ma ntużawx minn kunsilli oħra u allura ġew allokati għall-attivita tal-mixgħela li hija attivita' maġġuri fi ħdan ir-Reġjun.

**450.10.5** Is-Sindku qal li ser issir konferenza stampa biex tiġi mħabbra din l-attivita'. Id-data tiġi kkonfermata 'l quddiem.

**450.10.6** Il-kunsillier Adrian Farrugia ħareġ fis-7.30pm.

**450.11 Taħdidiet dwar il-manutenzjoni tal-pool fl-Iskola tas-Siġġiewi**

**450.11.1** Is-Sindku qal li ġejna infurmati mill-Iskola li hemm problemi fl-immaniġjar tal-manutenzjoni tal-pool li jinsab fl-iskola, u li huwa propjeta ta' SportMalta. Jidher li l-ispiża ta' manutenzjoni tant hija għalja li iktar hu vjabbli li jsir wieħed ġdid u għalhekk dan il-pool ġie abbandunat.

**450.11.2** Is-Sindku semma ftehim li għandu l-Kunsill mal-Iskola ta' finanzjament ta' €1000 għal manutenzjoni tal-istess pool, b'kundizzjoni li jsiru lezzjonijiet u jintuża minn residenti Siġġiwin. Għalhekk, issa dan il-ftehim ma jistax jiġi onorat. Il-Kap tal-Iskola qegħda titlob li jsir ftehim ieħor biex dawn il-fondi jintużaw għal skop ieħor li jgawdu t-tfal tal-iskola. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-Kunsill għandu jkollu rendikont ta' fiex qed jintefqu dawn il-fondi u x'benefiċċju qed jagħtu. Is-Sindku qal li għandu jkun hemm taħdidiet mal-iskola dwar dan u jitfassal ftehim ġdid.

**450.11.3** Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace ħarġet fis-7.36pm.

**450.12 Tnedija ta' Skemi għall-Kunsilli Lokali 2024**

**450.12.1** Is-Sindku informa li ġew imnedija ħames skemi ta' finanzjament għas-sena 2024. Hu qal li b'dawn l-iskemi, il-Kunsill ikollu fondi addizzjonali biex ikun jista' jwettaq proġetti.

SPI/SCI/01/2024 - Espressjoni ta' Interess - Servizz ta' xogħlijiet għal żvilupp ta' Community Gardens fil-Lokalitjiet madwar Malta u Għawdex (Data ta' l-għeluq - il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu 2024);

SPI/SCI/02/2024 - Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi (Data ta' l-għeluq - it-Tlieta, 9 ta' April 2024);

SPI/SCI/03/2024 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar Nodfa (Data ta' l-għeluq - il-Ġimgħa, 31 ta'Mejju 2024);

SPI/SCI/04/2024 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (Data ta' l-għeluq - il-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju 2024);

SPI/SCI/05/2024 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025 (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 26 ta'Marzu 2024).

**450.12.2** SPI/SCI/03/2024 Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar Nodfa
Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv diġa bdiet taħdem fuq dawn l-iskemi. Rigward din l-iskema partikolari, huwa qal li dawn il-fondi ta' €1500 jgħinu biex isir tindif ta' terrapien u materjal ta' kostruzzjoni bl-inġenji, kif ukoll issir attivita' ta' tindif bl-idejn minn diversi volontarji. Is-Sindku qal li għal din is-sena ġiet identifikata iż-żona ta' Ħal Xluq. Il-Kunsill unanimament approva li sir l-applikazjoni kif indikat.

**450.12.3** SPI/SCI/05/2024 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025 – Festa Għeneb 2024
Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv diġa bdiet taħdem fuq din l-iskema biex jinġiebu fondi għall-attivita' annwali ta' Festa Għeneb li normalment issir f'Awissu. Hu qal li din hija attivita' fejn tgħaqqad numru ta' għaqdiet f'festa ta' kultura u tradizzjoni Siġġiwija ta' għasir tal-għeneb għall-inbid. Din l-iskema tiffinanzja il-85% tal-ispiża tal-attivita' u l-kumplament (15%) jitħallsu minn fondi lokali. Il-Kunsill unanimament qabel li issir l-applikazzjoni kif indikat.

**450.13** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**450.13.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

Il-Kunsillier Julian Borg iddikjara kunflitt ta' interess f'dawn l-applikazzjonijiet: PA/782/24, PA/2398/21, PA/0593/24, PA/07044/23,P A/0207/24 ,PA04414/23, PA00280/24, PA7796/22, PA00102/24.

Ma tqajjem l-ebda punt fuq din il-materja.

**450.14** **Rapport tal-Korrispondenza**

**450.14.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**450.14.2** Is-Sindku preżenta talba għall-użu tas-sala tal-Kunsill għal attivita' politika mill-Partit Nazzjonalista. Is-Sindku qal li din l-attivita' issa għaddiet, u ma jsib l-ebda oġġezzjoni li ċ-ċentru ċiviku jiġi użat għal attivitajiet simili bħal ma diġa sar mill-partit l-ieħor.

**450.14.3** Is-Sindku preżenta korrispondenza mill-Kunsillier Julian borg dwar xi rimarki wara l-laqgħa tal-lokalita'. Huwa talab lill-Kunsillier jispjega. Il-Kunsillier Borg qal li f'din il-laqgħa ġew diskussi l-proposti tat-traffiku, li diġa kienu ġew diskussi u maqbula mill-kunsill u sar qbil fuq proposta partikolari. Huwa qal li f'din il-laqgħa, quddiem numru ta' nies, ġew proposti plan A u plan B, minflok plan A kif maqbul. Il-Kunsillier irrimarka wkoll fuq proġett fi Triq Dun Manwel Zammit li ssemma pubblikament fil-laqgħa meta dan qas biss kien imressaq quddiem il-Kunsill. Il-Kunsillier irrimarka wkoll fuq persuna li kien preżenti għal-laqgħa, u la hu kunsillier u lanqas impjegat li beda jitkellem f'isem il-Kunsill u anka jargumenta man-nies preżenti. Hu qal li sa fej jaf hu dan kien imqabbad mill-kunsill biex jagħti servizz ta' fotografu. Il-Kunsillier Borg staqsa jekk dan l-individwu għandux xi rwol mal-Kunsill li hu ma jafx bih. Is-Sindku qal li l-individwu imqabbad biex jagħti servizz relatat ma' komunikazzjoni u fotografija meta jkun hemm bżonn u qal li dak inhar jidher li inġarr mill-entużjażmu. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li rigward il-proposta tar-roti fi Triq Dun Manwel Zammit li għaliha ukoll kienet novita', diġa hemm pjan, iffinanzjat mill-proġett tal-Mobility u li qed taħdem fuqu, iżda qatt ma ġiet inkluża t-triq indikata. Rigward il-proposti tat-traffiku, is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jiltaqa' biex tittieħed id-deċiżjoni finali dwar l-aħjar opzjoni.

**450.14.4** Is-Sindku preżenta korrispondenza mingħand il-Grupp tal-Armar rigward l-armar tal-fjakkolata fi Pjazza San Nikola. Il-prezz mitlub huwa ta' €2500 bħas-snin preċedenti. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din it-talba.

**450.14.5** Is-Sindku preżenta korrispondenza mill-Grupp tal-Armar fejn qed jitolbu li ma jkunx hemm armar ta' stalls oħra waqt l-attivita' tal-Mixgħela f'ħamis ix-Xirka. Wara diskussjoni, is-Sindku qal li ma jaqbilx li din l-attivita' tkun monopolizzata u ma jistax jaċċetta li jekk ikun hemm talba għal permess ta' armar ta' stall ma jingħatax. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba, u qabel li jekk jinħareġ permess ikun bil-kundizzjoni li l-prodott mibjugħ ikun marbut mat-tradizzjoni tal-ġimgħa mqaddsa.

**450.14.6** Is-Sindku preżenta korrispondenza mingħand l-Għaqda tan-Nar San Nikola fejn qed jitolbu għajnuna finanzjarja ta' €1000 għal fjakkolata quddiem il-kappella ta' Ħal Xluq fil-ġimgħa mqaddsa. L-għaqda ittella wirja fil-kappella. Il-Kunsill qabel mal-inizjattiva ta' din l-għaqda u qabel li tingħata l-għajnuna finanzjarja. Ġie rrimarkat li l-Kappella ta' Ħal Xluq hija barra miż-żona fejn sa jkun haw l-attivita prinċipali u allura l-possibilta' ta' attendenza hija fqira. Fid-dawl li ma fadalx ħafna żmien għall-avveniment, il-Kunsill qabel li l-għaqdiet ikunu infurmati li tali talbiet għandhom isiru fi żmien adekwat qabel. Kien ikun iżjed għaqli kienu l-wirja issir f'post iktar qrib il-pjazza biex tiġi amalgamanta mal-attivita prinċipali u b'hekk jigwadanjaw huma wkoll bl-attendenza.

**450.14.7** Is-Sindku preżenta korrispondenza mill-Każin Banda San Nikola. Huwa rrefera għad-diżgwid li kien hemm is-sena l-oħra bejn il-KBSN u l-armar tal-bar minn din l-għaqda quddiem antarjola tal-grupp tal-armar. Dan kien ħoloq inkonvenjent kbir kemm għalih personali u anka għall-awtoritajiet tal-Knisja u l-Pulizija. Għalhekk, huwa aċċerta mal-Arċipriet u mal-Pulizija li din is-sena ma jkunx hemm l-istess problema. Is-Sindku qal li ġie infurmat mill-arċipriet verbalment, fil-preżenza ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv li dawn iż-żewġ għaqdiet kienu ġew f'kompromess bejniethom biex tintrama kolonna u statwa f'nofs il-pjazza, sewwasew, bejn il-bank BNF u r-residenza ta' faċċata. Għalhekk, intalab li jkun hemm korrispondenza uffiċjali lill-kunsill dwar dan. Is-Sindku wera l-isketch mibgħuta mal-ittra. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jkollu pjanta b'diżinn bil-qisien rejali tal-kolonna, wisa tal-karreġġata eċċ biex din il-proposta tkun tista tiġi diskussa. Il-Kunsillier Julian Borg semma l-kwistjoni tal-armar ta' forn tal-pizza quddiem il-KBSN u qal li biex ma jerġax jinqala' diżgwid u jkun hemm pożizzjoni ċara dwar dan, peress li nafu, li minn deċiżjoni ta' Kunsill preċedenti, il-pożizzjoni attwali hija li ma jistax jingħata tali permess u allura għandu jkun hemm infurzar.

**450.14.8** Ftehim donazzjoni statwa ta' San Nikola mis-Sra. Callus
Is-Sindku preżenta abbozz ta' ftehim mibgħut mis-Sra Gloria Callus għal donazzjoni tal-istatwa ta' San Nikola li qegħda fis-sala taċ-Ċentru Ċiviku, sede tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Is-Sra. Callus li kkummissjonat l-istatwa u għamlet tajjeb finanzjarjament, qed tagħti din l-istatwa lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Is-Sindku qara l-abbozz tal-ftehim. Il-Kunsill unanimament qabel mal-kontenut u li dan jiġi ffirmat u rringrazzja lis-Sra. Callus ta' din id-donazzjoni.

**450.14.9** Inċident bil-mutur Triq Mons Mikiel Azzopardi
Is-Sindku preżenta korrispondenza rigward inċident bil-mutur fi Triq Mons Mikiel Azzopardi, inkluż rapport tal-pulizija, ritratti u riċevuti. Is-Sindku qal li bħal f'każijiet preċedenti, il-Kunsill m'għandux mezzi biex jinvestiga d-dinamika ta' inċidenti bħal dawn. Is-Sindku qal li din il-korrispodenza intbagħtet lill-avukat tal-Kunsill biex tintbgħat ittra legali.

**450.15** **Rapport tal-ilmenti**

**450.15.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**450.16** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**450.16.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

**450.17** **Approvazzjoni tal-Quarterly Financial report Quarter 4 (Settembru-Diċembru 2023)**

**450.17.1** Is-Sindku preżenta kopja tar-rapport u talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Hija qalet li dan il-kwart tas-sena ingħalaq b'bilanċ negattiv għalkemm l-FSI huwa indikazzjoni tajba tal-bilanċi tal-Kunsill. Is-Sindku propona li jittieħed vot għall-approvazzjoni ta' dan ir-rapport. Il-unsill unanimament approva r-rapport kif preżentat.

**450.17.2** **Approvazzjoni tal-Unaudited Financial statements għas-sena 2023**

Is-Sindku preżenta r-rapport u talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Hija qalet li s-sena ingħalqet b'bilanċ negattiv kif diġa spjegat qabel. Is-SE spjegat id-differenzi maġġuri fl-ispejjeż tas-sena 2023 ma' dik preċedenti, li kien hemm żieda sostanzjali fin-nefqa ta' utilitajiet iżda li din is-sena naqset l-ispiża tal-patching minħabba li ħafna toroq rurali issa sarilhom wiċċ ġdid. Is-SE qalet li hemm ammont ta' expenses taħt l-item ta' safar u akkomodazzjoni u spjegat li dawn huma relatati mal-proġett Erasmus li kien kopert interament minn fondi Ewropej. Il-Kunsillier Julian Borg staqsa dwar ammont taħt l-item Lease of equipment u nnota li dawn huma spejjeż relatati ma' Festa Għeneb fosthom palk, dawk eċċ, li hu diġa vvota kontra meta kienu fl-iskeda. Is-Sindku propona vot għal dan ir-rapport. Vot: favur u 2 kontra. Il-Kunsillier Julian Borg qal li r-raġuni li qed jivvota kontra hija li f'dan ir-rapport hemm spejjeż lis emma qabel li hu ma japprovax.

**450.18** **Approvazzjoni tal-Budget għas-sena 2024**

**450.18.1** Is-Sindku preżenta d-dokument tal-budget u talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-SE spjegat li dan il-budget huwa bbażat fuq spejjeż preżenti u peress li din il-leġislatura tispiċċa f'Ġunju, hemm lok ta' reviżjoni. Dan ikun a bażi wkoll ta' spejjeż ġodda meta jinbidlu kuntratti u anka proġetti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li l-infiq huwa bbażat fuq l-allokazzjoni iżda li l-Kunsill ikollu dħul ieħor minn skemi li napplikaw għalihom għal proġetti speċifiċi. Is-Sindku propona li l-Budget jiġi approvat kif preżentat. Il-Kunsill unanimament approva.

**450.19** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**450.19.1** Il-Kunsillier Julian Borg qal li avviċinawħ l-għaqda tan-Nar li għandhom bżonn permess ta' scaffolding. Huma qalu li l-ispiża għal permess telgħet għal madwar €700 u talbu lill-Kunsill jekk jistax jgħin f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal li l-Kunsill dejjem jgħin fejn jista lill-għaqdiet speċjalment meta l-għaqdiet jieħdu inizjattivi għall-ġid tal-lokal u propona li parti minn din l-ispiża tkun koperta mill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel.

**450.19.2** Il-Kunsillier Julian Borg qal li ra fil-midja soċjali li ser isir ċentru tad-distribuzjoni tal-Enemalta fil-lokalita', eżattament fiż-żona qrib id-Dar tal-Providenza. Huwa talab jekk il-Kunsill għandux dettalji dwar dan. Is-Sindku qal li għad m'hemmx informazzjoni u hu sar jaf mill-midja soċjali. Il-Kunsillier Borg qal li jekk dan isir, ser ikun hemm qlugħ ta' diversi toroq u trinek għal medda twila u anka f'toroq li għadhom isiru. Huwa talab li l-Kunsill jitlob informazzjoni.

**450.19.3** Il-Kunsillier Julian Borg qal li avviċinaw residenti mill-bypass rigward l-isweeper li qed ikun hemm riċentement. Hu wera diversi ritratti fejn juru li fejn jgħaddi l-isweeper il-kwantita' ta' żrar u trab jitressaq minn taħt il-bankina għat-triq u dan iktar qed joħloq periklu speċjalment għal muturi.

**450.20** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**450.20.1** Il-laqgħa intemmet fid-9.20 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 11 ta' Marzu 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 11 ta' Marzu 2024

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv